Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0214

It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-8 ta' Ottubru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel (COM(2024)0577 – C10-0209/2024 – 2024/0319(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur agrikolu, b’mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta’ sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta’ inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B’mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali.	(1) Is-settur agrikolu, b’mod partikolari l-bdiewa, ***li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel,*** qegħdin jiffaċċjaw firxa ta’ sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19***, l-instabbiltà dejjem akbar fil-kummerċ dinji, l-avvinimenti tat-temp dejjem aktar estremi*** u l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta’ inflazzjoni għolja, li affettwaw l-

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0161/2025).

Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. ***Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni*** tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u ***żied il-livell*** ta' inċertezza li joperaw ***fih il-bdiewa***, biex b'hekk ***qajjem*** protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u ***tiġi restawrata*** l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.

ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali***, u jiffaċċjaw piż regolatorju estrem minħabba r-regolamentazzjoni żejda***. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. ***Dawn il-fatturi kollha ta' hawn fuq komplew iddistabbilizzaw id-distribuzzjoni*** tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u ***żiedu l-livell*** ta' inċertezza li ***fih*** joperaw ***il-bdiewa, u b'mod speċjali l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jew ta' daqs medju***, biex b'hekk ***qajmu*** protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u ***jiġu restawrati l-ekwità u*** l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel***, kif ukoll jiġu protetti l-introjti tal-bdiewa u tiżdied il-fiduċja taż-żgħażagħ fil-professjoni tal-biedja***.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(1a) Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, hemm il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-organizzazzjonijiet u tal-kooperattivi tal-produtturi bħala ġeneraturi ta' valur miżjud, permezz ta' politiki**

	pubbliċi li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kosteffettività, il-viżibbiltà u l-kompetittività tal-prodotti tal-membri tagħhom, kif ukoll li tittejjeb il-kapaċità ta' negozjar ta' dawk il-bdiewa.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss ***bil-kunsens minn qabel u infurmat tal-bidwi*** biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. ***Għalhekk huwa essenzjali li jiġi ggarantit ipprezzar trasparenti u li l-valur jiġi ddistribwit b'mod proporzjonali tul il-katina tal-ikel u jirrifletti l-isforzi li jkunu saru u r-riskji li jkunu ġew assunti, minn kull parti, b'mod partikolari l-bdiewa, li jirrappreżentaw il-ħolqa l-aktar vulnerabbli f'dik il-katina.***

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Sabiex tissaħħaħ is-sovranità tal-ikel tal-Unjoni, jiġu appoġġati l-introjti agrikoli u jiġu ggarantiti sistemi sostenibbli, jenħtieġ li tiġi promossa preferenza Ewropea għall-prodotti agrikoli tal-Unjoni, inkluż fl-akkwist pubbliku u fl-arranġamenti tal-ħżin. Din il-preferenza jenħtieġ li tgħin biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet u jenħtieġ li tirriżulta fi produzzjoni li żżid il-valur li tiġi "rilokalizzata" fl-Unjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn	(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża ***bil-kunsens minn qabel tal-bidwi u*** biss biex jiġu indikati

tkun teżisti rabta diretta bejn ***il-bdiewa*** u l-konsumaturi li tippermetti skambju ***dirett*** dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi ***fil-prossimità*** ġeografika ***tagħhom***, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti.	modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta ***jew għadd limitat ta' intermedjarji*** bejn ***il-bidwi, il-kooperattivi jew l-organizzazzjonijiet ta' produtturi*** u l-konsumaturi li tippermetti skambju dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi***, inkluż fil-forma ta' bejgħ online, jew fejn tkun teżisti prossimità*** ġeografika ***bejniethom***, inkluż f'kuntesti transfruntieri. ***Il-prossimità ġeografika jenħtieġ li titkejjel f'termini ta' distanza jew ħin tat-trasport imqassra.*** Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti. ***Jenħtieġ li dan japplika għall-prodotti magħmula fis-suq uniku u mqiegħda fih. Din l-għodda se tikkontribwixxi biex jiżdiedu t-trasparenza u l-ġustizzja ekonomika u għar-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali, mingħajr preġudizzju għall-funzjonament tas-suq uniku.***

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq, l-aspettattivi dejjem jevolvu tal-konsumatur, l-avvanzi kemm fl-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll fl-istandards internazzjonali rilevanti, ***jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-użu*** tat-termini fakultattivi li jindikaw modalitajiet kummerċjali relatati mal-allokazzjoni ġusta tal-valur miżjud lill-bdiewa u l-ħolqien u ż-żamma ta' ktajjen tal-provvista qosra. ***Jenħtieġ*** li ***dawk is-setgħat ikunu eżerċitati*** f'konformità ***mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament*** Ewropew u ***tal-Kunsill[6]***.	(5) Fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq, l-aspettattivi dejjem jevolvu tal-konsumatur, l-avvanzi kemm fl-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll fl-istandards internazzjonali rilevanti, ***is-setgħa ta' adozzjoni ta' attiv f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummiissjoni fir-rigward tal-użu*** tat-termini fakultattivi li jindikaw modalitajiet kummerċjali relatati mal-allokazzjoni ġusta tal-valur miżjud lill-bdiewa u l-ħolqien u ż-żamma ta' ktajjen tal-provvista qosra. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[5a]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.***
_____	_____
	[5a] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI:

http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

[6]Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jistipulaw rekwiżiti supplimentari għall-użu ta' termini fakultattivi għal modalitajiet kummerċjali, dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li ma jfixklux, ma jillimitawx jew ma jostakolawx l-użu ta' dawn it-termini għal prodotti magħmula jew ikkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor.	(7) Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jistipulaw rekwiżiti supplimentari għall-użu ta' termini fakultattivi għal modalitajiet kummerċjali, dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li ma jfixklux, ma jillimitawx jew ma jostakolawx l-użu ta' dawn it-termini għal prodotti magħmula jew ikkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor***, jew ma jżidux piż regolatorju għall-bdiewa, speċjalment l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju***.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-użu ta’ kuntratti bil-miktub għandu rwol ***kruċjali*** fl-akkontabbiltà tal-operaturi, billi jqajjem kuxjenza dwar l-importanza tas-sinjali tas-suq, jadatta l-provvista għad-domanda, itejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet fil-katina tal-provvista, isaħħaħ it-trasparenza u jipprevjeni u jindirizza prattiki kummerċjali inġusti. Għalhekk, ir-regoli dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib jenħtieġ li jiġu estiżi biex ikopru prodotti għajr il-ħalib mhux ipproċessat, filwaqt li jiġi żgurat l-allinjament mar-regoli dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali applikabbli għal setturi agrikoli oħrajn.	(8) L-użu ta’ kuntratti bil-miktub għandu rwol ***importanti*** fl-akkontabbiltà tal-operaturi, billi jqajjem kuxjenza dwar l-importanza tas-sinjali tas-suq, jadatta l-provvista għad-domanda, itejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet fil-katina tal-provvista, isaħħaħ it-trasparenza u jipprevjeni u jindirizza prattiki kummerċjali inġusti ***u jirrispetta ipprezzar li jiżgura remunerazzjoni ġusta għall-bdiewa. Fl-istess ħin, l-użu ta’ kuntratti bil-miktub huwa kruċjali għall-prevenzjoni ta’ prattiki kummerċjali abbużivi frekwenti bħall-pagamenti tard, il-kanċellazzjoni unilaterali tal-ordnijiet u l-emenda retroattiva tat-termini tal-kuntratt. Dawk il-prattiki jaffettwaw b’mod partikolari produtturi żgħar, li ma għandhomx il-mezzi legali li jiddefendu lilhom infushom***. Għalhekk, ir-regoli dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib jenħtieġ li jiġu estiżi biex ikopru prodotti għajr il-ħalib mhux ipproċessat, filwaqt li jiġi żgurat l-allinjament mar-regoli dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali applikabbli għal setturi agrikoli oħrajn. ***Għalhekk, l-implimentazzjoni ta’ dawn il-miżuri se toħloq qafas għall-produtturi agrikoli, u tipprovdilhom il-protezzjoni meħtieġa biex jieħdu vantaġġ mill-produzzjoni tagħhom u jippjanawha u b’hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ekonomija lokali.***

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex tiżdied il-flessibbiltà għall-Istati Membri u tiġi ssimplifikata l-proċedura għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet u tittejjeb l-effiċjenza, ir-regoli dwar l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jenħtieġ li jippermettu r-rikonoxximent tagħhom wara talba waħda li tkopri diversi setturi u prodotti. Barra minn hekk, ***biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn*** il-produtturi ***ta' prodotti organiċi, jenħtieġ*** li ***jiġi previst b'mod espliċitu l-istabbiliment*** u r-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi ***mill-produtturi ta' prodotti organiċi***. Il-kriterji għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-istatuti tagħhom jenħtieġ li jipprevedu wkoll li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jiġu stabbiliti fuq inizjattiva tal-bdiewa u jiġu kkontrollati f'konformità mar-regoli li jippermettu lill-bdiewa membri jeżaminaw b'mod demokratiku l-organizzazzjoni u d-deċiżjonijiet tagħhom. ***Dan jenħtieġ li ma jipprekludix lil produtturi oħrajn li ma humiex bdiewa, u lil dawk li ma humiex produtturi milli jissieħbu f'organizzazzjonijiet ta' produtturi.***	(9) Sabiex tiżdied il-flessibbiltà għall-Istati Membri u tiġi ssimplifikata l-proċedura għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet u tittejjeb l-effiċjenza, ir-regoli dwar l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jenħtieġ li jippermettu r-rikonoxximent tagħhom wara talba waħda li tkopri diversi setturi u prodotti. Barra minn hekk, il-produtturi ***tal-prodotti organiċi għandhom l-abbiltà*** li ***jużaw il-possibbiltà eżistenti għall-istabbiliment*** u r-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi ***biex itejbu l-kollaborazzjoni tagħhom***. Il-kriterji għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-istatuti tagħhom jenħtieġ li jipprevedu wkoll li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jiġu stabbiliti fuq inizjattiva tal-bdiewa ***jew, fil-każ tal-frott u l-ħxejjex, fuq inizjattiva tal-produtturi,*** u jiġu kkontrollati f'konformità mar-regoli li jippermettu lill-bdiewa membri jeżaminaw b'mod demokratiku l-organizzazzjoni u d-deċiżjonijiet tagħhom.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jiġi promoss żvilupp sostenibbli ulterjuri, li huwa prinċipju ewlieni tat-Trattat u objettiv prijoritarju għall-politiki tal-Unjoni, u biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-istabbiltà u l-ekwità fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja tul il-katina tal-provvista, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikonoxxu lil organizzazzjonijiet ta' produtturi li jfittxu li jilħqu għanijiet speċifiċi b'termini fakultattivi għall-modalitajiet kummerċjali, bħal "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, u "katina tal-provvista qasira".	(10) Sabiex jiġi promoss żvilupp sostenibbli ulterjuri, li huwa prinċipju ewlieni tat-Trattat u objettiv prijoritarju għall-politiki tal-Unjoni, u biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-istabbiltà u l-ekwità fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja tul il-katina tal-provvista, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikonoxxu lil organizzazzjonijiet ta' produtturi li jfittxu li jilħqu għanijiet speċifiċi b'termini fakultattivi għall-modalitajiet kummerċjali, bħal "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, u "katina tal-provvista qasira". ***Barra minn hekk, il-promozzjoni tal-użu ta' tali termini jista' jgħin biex il-konsumaturi jiġu edukati dwar l-impatt tal-għażliet tal-konsum tagħhom fuq l-ekwità soċjali u s-sostenibbiltà ekonomika fis-settur agroalimentari.***

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jiġi żgurat standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa, tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar tagħhom fil-konfront ta' proċessuri u atturi oħrajn fil-katina tal-provvista u tiġi prevista distribuzzjoni aktar ġusta tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista, il-possibbiltà ta'	(11) Sabiex jiġi żgurat standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa, tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar tagħhom fil-konfront ta' proċessuri u atturi oħrajn fil-katina tal-provvista u tiġi prevista distribuzzjoni aktar ġusta tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista, il-possibbiltà ta'

negozjar ta’ termini ***kuntrattwalif’isem*** il-membri tagħhom jenħtieġ li tiġi estiża għal organizzazzjonijiet ta’ produtturi mhux rikonoxxuti, inklużi kooperattivi, għal parti mill-produzzjoni tagħhom jew għall-produzzjoni kollha tagħhom. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali mal-membri ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi rikonoxxuti, din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun soġġetta għal limiti xierqa. B’mod partikolari, l-organizzazzjonijiet ta’ produtturi mhux rikonoxxuti li jibbenefikaw minn dik il-possibbiltà jenħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji ta’ rikonoxximent stabbiliti fil-livell tal-Unjoni u jinvolvu ruħhom fl-attivitajiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], inkluża l-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid tal-prodotti tal-membri tagħhom fis-suq.

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013

negozjar ta’ termini ***kuntrattwali f’isem*** il-membri tagħhom jenħtieġ li tiġi estiża għal organizzazzjonijiet ta’ produtturi mhux rikonoxxuti, inklużi kooperattivi, ***f’konformità mal-liġi nazzjonali,*** għal parti mill-produzzjoni tagħhom jew għall-produzzjoni kollha tagħhom***, dment li dawn l-organizzazzjonijiet ikunu diġà ressqu applikazzjoni għar-rikonoxximent quddiem Stat Membru fi żmien perjodu massimu ta’ 5 snin wara t-tressiq tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent***. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali mal-membri ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi rikonoxxuti, din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun soġġetta għal limiti xierqa. B’mod partikolari, l-organizzazzjonijiet ta’ produtturi mhux rikonoxxuti li jibbenefikaw minn dik il-possibbiltà jenħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji ta’ rikonoxximent stabbiliti fil-livell tal-Unjoni u jinvolvu ruħhom fl-attivitajiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], inkluża l-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid tal-prodotti tal-membri tagħhom fis-suq.

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013

/1308/oj).

/1308/oj).

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti u jiġi żgurat l-iżvilupp vijabbli tal-produzzjoni agrikola, l-assoċjazzjonijiet rikonoxxuti ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jenħtieġ li jitħallew jinnegozjaw termini kuntrattwali f'isem il-membri tagħhom, inkluż il-prezz, għal xi parti mill-produzzjoni tal-membri tagħhom jew għall-produzzjoni tal-membri kollha tagħhom. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun permessa, soġġett għas-salvagwardja li l-organizzazzjonijiet li jkunu membri ta' dawk l-assoċjazzjonijiet ma jkunux ukoll membri ta' assoċjazzjoni oħra ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-volum ta' prodotti koperti mill-attivitajiet tal-assoċjazzjoni ma jkunx aktar minn 33 % tal-produzzjoni nazzjonali totali ta' kwalunkwe Stat Membru partikolari. Sabiex tinżamm kompetizzjoni effettiva fis-suq, jenħtieġ ukoll li l-assoċjazzjonijiet rikonoxxuti ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi ma jitħallewx jinnegozjaw termini kuntrattwali meta dawk l-assoċjazzjonijiet jinkludu organizzazzjonijiet ta' produtturi mhux rikonoxxuti.	(12) Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti u jiġi żgurat l-iżvilupp vijabbli tal-produzzjoni agrikola, l-assoċjazzjonijiet rikonoxxuti ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jenħtieġ li jitħallew jinnegozjaw termini kuntrattwali f'isem il-membri tagħhom, inkluż il-prezz, għal xi parti mill-produzzjoni tal-membri tagħhom jew għall-produzzjoni tal-membri kollha tagħhom***, ħlief għall-frott u l-ħaxix kemm-il darba ma jkunx espressament mitlub mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi***. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun permessa, soġġett għas-salvagwardja li l-organizzazzjonijiet li jkunu membri ta' dawk l-assoċjazzjonijiet ma jkunux ukoll membri ta' assoċjazzjoni oħra ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-volum ta' prodotti koperti mill-attivitajiet tal-assoċjazzjoni ma jkunx aktar minn 33 % tal-produzzjoni nazzjonali totali ta' kwalunkwe Stat Membru partikolari ***jew 5 % tal-produzzjoni fl-Unjoni kollha kemm hi***. Sabiex tinżamm kompetizzjoni effettiva fis-suq, jenħtieġ ukoll li l-assoċjazzjonijiet rikonoxxuti ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi ma jitħallewx jinnegozjaw termini kuntrattwali

	meta dawk l-assoċjazzjonijiet jinkludu organizzazzjonijiet ta’ produtturi mhux rikonoxxuti.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a)Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-organizzazzjonijiet ta’ produtturi magħrufa u tal-assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi magħrufa, jeħtieġ li jingħataw iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà meħtieġa li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f’konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. Sabiex isir dan, l-Artikolu 152, il-paragrafu 1a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jenħtieġ li jiġi emendat biex jispeċifika l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-deroga mill-Artikolu 101, il-paragrafu 1 tat-TFUE, f’konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta’ Novembru 2017 fil-Kawża C-671/15.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiġi pprevenut li x-xerrejja jfixklu l-pożizzjoni ta’ negozjar tal-organizzazzjonijiet ta’ produtturi, jenħtieġ li jiġu	(13) Sabiex jiġi pprevenut li x-xerrejja jfixklu l-pożizzjoni ta’ negozjar tal-organizzazzjonijiet ta’ produtturi, jenħtieġ li jiġu

stabbiliti salvagwardji xierqa għall-kuntatti bejn ix-xerrejja u l-membri ta’ dawk l-organizzazzjonijiet ta’ produtturi. Filwaqt li x-xerrejja jistgħu jikkuntattjaw lill-membri tal-organizzazzjonijiet ta’ produtturi, dawk il-kuntatti jenħtieġ li ma jfixklux l-objettivi tal-organizzazzjonijiet ta’ produtturi, jew il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid tal-prodotti fis-suq.	stabbiliti salvagwardji xierqa għall-kuntatti bejn ix-xerrejja u l-membri ta’ dawk l-organizzazzjonijiet ta’ produtturi. Filwaqt li x-xerrejja jistgħu jikkuntattjaw lill-membri tal-organizzazzjonijiet ta’ produtturi, dawk il-kuntatti jenħtieġ li ma jfixklux l-objettivi tal-organizzazzjonijiet ta’ produtturi, jew il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid tal-prodotti fis-suq. ***B’mod parallel, huwa rrakkomandat li, minbarra l-għodod diġitali standardizzati, il-bdiewa jenħtieġ li jkollhom ukoll il-benefiċċju ta’ formati ta’ kuntratti standard li jistgħu jimtlew faċilment li jkunu disponibbli fil-livell nazzjonali u li jkunu jistgħu jintbagħtu permezz tal-posta elettronika, sabiex titnaqqas il-burokrazija żejda. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu korsijiet ta’ taħriġ online u struzzjonijiet li jistgħu jiġu aċċessati faċilment għall-abbozzar u r-reġistrazzjoni tal-kuntratti.***

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a)Il-korpi ċentrali għall-akkwisti li joperaw fil-livell tranżnazzjonali qed jeżerċitaw pressjoni dejjem akbar fuq il-prezzijiet agrikoli, billi jisfruttaw id-disparitajiet regolatorji u soċjali bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li dawk l-istrutturi jiġu rregolati

	b'mod urġenti sabiex il-produtturi agrikoli jiġu protetti minn prattiki kuntrattwali abbużivi, l-approprjazzjoni tal-valur miżjud u l-kompetizzjoni inġusta bħala riżultat tal-leġiżlazzjoni soċjali u ambjentali tal-Unjoni.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ċerti Stati Membri ddeċidew li l-konsenji kollha ta' prodotti agrikoli fit-territorju tagħhom għandhom ikunu koperti minn kuntratti bil-miktub bejn il-partijiet. Meta l-Istati Membri ma jużawx din il-possibbiltà, il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni ta' negozjar aktar dgħajfa tal-bdiewa u l-biża' ta' ritaljazzjoni kummerċjali mix-xerrejja, jista' jkun diffiċli għall-bdiewa u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom li jagħmlu talba bħal din. Sabiex jiżdiedu l-fiduċja, it-trasparenza u l-effiċjenza fil-katina tal-provvista u biex il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet kollha ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-użu ta' kuntratti bil-miktub, il-konsenji ta' prodotti agrikoli fl-Unjoni minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi	(15) Ċerti Stati Membri ddeċidew li l-konsenji kollha ta' prodotti agrikoli fit-territorju tagħhom għandhom ikunu koperti minn kuntratti bil-miktub bejn il-partijiet. Meta l-Istati Membri ma jużawx din il-possibbiltà, il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni ta' negozjar aktar dgħajfa tal-bdiewa u l-biża' ta' ritaljazzjoni kummerċjali mix-xerrejja, jista' jkun diffiċli għall-bdiewa u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom li jagħmlu talba bħal din. Sabiex jiżdiedu l-fiduċja, it-trasparenza u l-effiċjenza fil-katina tal-provvista u biex il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet kollha ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-użu ta' kuntratti bil-miktub, il-konsenji ta' prodotti agrikoli fl-Unjoni minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi

lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut jenħtieġ li jkunu koperti minn kuntratt bil-miktub.	lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut jenħtieġ li jkunu koperti minn kuntratt bil-miktub. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri, fuq talba ta' organizzazzjoni interprofessjonali jew organizzazzjoni meqjusa bħala fil-biċċa l-kbira rappreżentattiva ta' settur agrikolu, ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jeżentawx ċerti setturi speċifiċi mir-rekwiżit ta' kuntratt bil-miktub.***

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li ***x-xerrejja*** jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-	(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li ***l-produtturi*** jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-

possibbiltà li jitolbu l-użu ta’ kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.	possibbiltà li jitolbu l-użu ta’ kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu. ***Din il-flessibbiltà jenħtieġ li tiġi applikata mingħajr ma tiġi kompromessa l-protezzjoni tal-bdiewa, filwaqt li l-eċċezzjonijiet jenħtieġ li jiġu definiti b’mod ċar sabiex jiġu pprevenuti l-interpretazzjonijiet abbużivi u ċ-ċirkumvenzjoni tal-obbligi kuntrattwali.***

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu meħtieġ ta’ kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta’ prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.	(17) L-użu meħtieġ ta’ kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta’ prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. ***Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jinżammux milli jieħdu miżuri aktar stretti biex jiġġieldu l-prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel, dment li dawk il-miżuri jkunu xierqa u proporzjonati għall-objettivi tagħhom, u jkunu kompatibbli mad-Direttiva UE 2019/633. Is-simplifikazzjoni tal-proċess ta’ kuntrattar, b’mod partikolari permezz ta’ mudelli u formati standardizzati u diġitalizzati li***

	jistgħu jintbagħtu permezz tal-posta elettronika, hija essenzjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u ġusta ta' dawn ir-regoli, b'mod speċjali fil-każ tal-produtturi żgħar, filwaqt li jenħtieġ li tiġi żgurata flessibbiltà biżżejjed biex titqies kif xieraq id-diversità tas-settur tal-biedja.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom ***jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi***, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.	(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. ***Dawk il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni jenħtieġ li jibqgħu kompletament volontarji għall-partijiet kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li meta ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar il-formalizzazzjoni, l-interpretazzjoni jew it-twettiq ta' kuntratt, il-partijiet ikunu jistgħu jitolbu medjazzjoni***. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ***il-qafas legali jew*** il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk ***l-oqfsa legali jew*** il-mekkaniżmi.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati. ***Il-prezz finali jenħtieġ li jkopri l-ispejjeż sħaħ tal-produzzjoni inkluża r-remunerazzjoni ġusta tal-produtturi u l-ispejjeż totali għas-servizzi addizzjonali. L-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE (AFCO) jista' jintuża biex jipprovdi informazzjoni dwar il-prezzijiet fil-katina agroalimentari, fl-istrutturi tal-kostijiet, kif ukoll dwar id-distribuzzjoni tal-marġnijiet u tal-valur miżjud, filwaqt li jaderixxi mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-kompetizzjoni. Is-swieq bl-ingrossa jista' jkollhom rwol importanti fil-bini ta' mekkaniżmi tal-prezzijiet. Dawn huma strutturi akkreditati li jistgħu jiżguraw it-trasparenza tal-prezzijiet u***

	jikkontribwixxu għal distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tul il-katina tal-valur.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Meta titqies il-pożizzjoni ta' negozjar vulnerabbli tal-bdiewa u tal-organizzazzjonijiet tagħhom, il-każijiet reċenti ta' volatilità sinifikanti fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli u fil-prezzijiet tas-suq, u l-ħtieġa ta' trażmissjoni aktar effiċjenti tal-prezzijiet fil-katina tal-provvista, il-kuntratti b'tul ta' żmien ta' aktar minn 6 xhur jenħtieġ li jinkludu klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bdiewa u mill-organizzazzjonijiet tagħhom. Tali klawżola jenħtieġ li tippermetti lill-bdiewa jitolbu fi kwalunkwe mument wara l-perjodu ta' 6 xhur reviżjoni tal-elementi tal-kuntratt u tippermettilhom itemmu l-kuntratt f'każ li ma jintlaħaq l-ebda ftehim dwar reviżjoni, mingħajr indħil mad-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw possibbiltajiet oħrajn għar-reviżjoni tal-kuntratt.	(20) Meta titqies il-pożizzjoni ta' negozjar vulnerabbli tal-bdiewa u tal-organizzazzjonijiet tagħhom, il-każijiet reċenti ta' volatilità sinifikanti fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli u fil-prezzijiet tas-suq, u l-ħtieġa ta' trażmissjoni aktar effiċjenti tal-prezzijiet fil-katina tal-provvista, il-kuntratti b'tul ta' żmien ta' aktar minn 6 xhur ***u 12-il xahar għas-setturi li jinnegozjaw fis-swieq tal-futuri*** jenħtieġ li jinkludu klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bdiewa u mill-organizzazzjonijiet tagħhom. Tali klawżola jenħtieġ li tippermetti lill-bdiewa jitolbu fi kwalunkwe mument wara l-perjodu ta' 6 xhur reviżjoni tal-elementi tal-kuntratt u tippermettilhom itemmu l-kuntratt f'każ li ma jintlaħaq l-ebda ftehim dwar reviżjoni, mingħajr indħil mad-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw possibbiltajiet oħrajn għar-reviżjoni tal-kuntratt. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li dawk il-kuntratti jiġu riveduti fid-dawl ta' ċirkostanzi mhux previsti, bħall-avvenimenti tat-temp estremi, it-tifqigħat ta' mard tal-annimali, it-sjonijiet ġeopolitiċi, jew kwalunkwe raġuni oħra li tipprevjeni l-prezz miftiehem milli jkopri l-***

	ispejjeż tal-bdiewa, li jikkontribwixxi għal protezzjoni aħjar tal-bdiewa kontra l-volatilità tas-suq u għall-adattament aħjar tagħhom għar-realtajiet ekonomiċi.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza kuntrattwali u jkun hemm kontribut għal prattiki kummerċjali aktar ġusti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu ***r-reġistrazzjoni*** ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli.	(21) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza kuntrattwali u jkun hemm kontribut għal prattiki kummerċjali aktar ġusti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu***, fejn ikun iġġustifikat, ir-reġistrazzjoni*** ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Ċerti inizjattivi ta' kooperazzjoni vertikali u orizzontali li jikkonċernaw prodotti agrikoli u tal-ikel, li għandhom l-għan li japplikaw rekwiżiti li ***huma*** aktar stretti mir-rekwiżiti obbligatorji, jista' jkollhom effetti pożittivi fuq l-objettiv tal-politika agrikola komuni li jiġi żgurat standard tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola u fuq l-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli ***tal-Unjoni***. Għalhekk, f'ċirkostanzi speċifiċi, inizjattivi bħal dawn jenħtieġ li	(22) Ċerti inizjattivi ta' kooperazzjoni vertikali u orizzontali li jikkonċernaw prodotti agrikoli u tal-ikel, li għandhom l-għan li japplikaw rekwiżiti li ***jistgħu jkunu*** aktar stretti***, f'termini etiċi u soċjali,*** mir-rekwiżiti obbligatorji, jista' jkollhom effetti pożittivi fuq l-objettiv tal-politika agrikola komuni li jiġi żgurat standard tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola u fuq l-objettiv tal-iżvilupp ***soċjoekonomiku u*** sostenibbli ***taż-żoni rurali fl-***

ma jkunux soġġetti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	***Unjoni***. Għalhekk, f'ċirkostanzi speċifiċi, inizjattivi bħal dawn jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) F'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, kategoriji speċifiċi ta' azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati jistgħu jikkontribwixxu għall-istabbilizzazzjoni tas-setturi kkonċernati. Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-operaturi privati jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jimplimentaw dawn l-azzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tagħmel disponibbli riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura biex tappoġġa dawn l-azzjonijiet. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jallokaw ukoll riżorsi nazzjonali addizzjonali.	(23) F'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, kategoriji speċifiċi ta' azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati jistgħu jikkontribwixxu għall-istabbilizzazzjoni tas-setturi kkonċernati. Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-operaturi privati jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jimplimentaw dawn l-azzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tagħmel disponibbli riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura biex tappoġġa dawn l-azzjonijiet***, filwaqt li tiżgura l-fattibbiltà u tevita li jkun hemm impatt negattiv fuq il-pagamenti diretti. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel disponibbli wkoll sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, jekk ikun meħtieġ***. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jallokaw ukoll riżorsi nazzjonali addizzjonali.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, jenħtieġ li jiġu emendati diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] fir-rigward tat-tipi ta' intervent f'ċerti setturi. Dawn l-emendi għandhom l-għan li jappoġġaw lill-bdiewa biex isiru jew jibqgħu membri ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, fid-dawl tar-rwol pożittiv li dawn l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet għandhom fit-tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar tal-produtturi. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat appoġġ aktar effiċjenti u mmirat tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà ta' żieda fl-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi operazzjonali f'ċerti setturi.	(26) Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, jenħtieġ li jiġu emendati diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] fir-rigward tat-tipi ta' intervent f'ċerti setturi. Dawn l-emendi għandhom l-għan li jappoġġaw lill-bdiewa biex isiru jew jibqgħu membri ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, fid-dawl tar-rwol pożittiv li dawn l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet għandhom fit-tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar tal-produtturi. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat appoġġ aktar effiċjenti u mmirat tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà ta' żieda fl-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi operazzjonali f'ċerti setturi***, filwaqt li tiġi żgurata l-fattibbiltà u jiġi evitat li jkun hemm impatt negattiv fuq il-pagamenti diretti***.
[8] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali	[8] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

(FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).	(FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a)Sabiex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-produtturi, il-kofinanzjament tal-fond operazzjonali jenħtieġ li jkun primarjament dirett lejn investimenti marbuta direttament mal-produzzjoni agrikola, l-azzjonijiet kollettivi li minnhom jibbenefikaw il-membri kollha tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi u d-diġitalizzazzjoni. Il-piż amministrattiv u burokratiku fuq l-organizzazzjonijiet ta' produtturi fl-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti, sabiex jiġi inkoraġġit l-involviment tal-benefiċjarji.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-	(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-

Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett.	Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett ***filwaqt li tiġi żgurata l-fattibbiltà u jiġi evitat li jkun hemm impatt negattiv fuq il-pagamenti diretti***.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet.	(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri***, b'mod ġust u trasparenti,*** riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet ***filwaqt li tiġi żgurata l-fattibbiltà u jiġi evitat li jkun hemm impatt negattiv fuq il-pagamenti diretti***.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 1(2), jiddaħħal il-punt li ġej:
	(la) ħall, Parti XIIa;

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Il-limiti ta' referenza ***previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu analizzati mill-Kummissjoni***, ***b'kont meħud tal-kriterji oġġettivi***, ***b'mod partikolari l-iżviluppi fil-produzzjoni,*** l-ispejjeż tal-produzzjoni ***(partikolarment l-inputs), u x-xejriet tas-suq. Meta jkun meħtieġ,*** il-limiti ta' ***referenza*** għandhom jiġu ***aġġornati f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja fid-dawl tal-iżviluppi fil-produzzjoni*** u ***s-swieq***.	***"2*** Il-limiti ta' referenza ***għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni regolari f'konformità mal-istaġjonalità tal-prodotti***, ***fuq proposta mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE (AFCO)***, ***fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi u*** l-ispejjeż ***reali*** tal-produzzjoni***. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iżvilupp ta' metodoloġija għar-reviżjoni regolari ta' dawk il-limiti, abbażi ta' indikaturi oġġettivi bħall-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bidliet fis-swieq agrikoli. L-ispejjeż tal-produzzjoni għandhom jinkludu l-ispejjeż tal-miżuri li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni jew biex jiġu ssuperati l-istandards tas-sostenibbiltà meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali kif definiti fl-Artikolu 210a(3). Dik il-metodoloġija għandha tippermetti li l-limiti jiġu aġġornati regolarment sabiex jirriflettu r-realtajiet ekonomiċi attwali*** u ***jibqgħu***

għodda effettiva għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq.”

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punti ea, eb, ec, ed (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) fil-paragrafu 11, jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	“(ea) zokkor abjad;
	(eb) laħam tan-nagħaġ li jaqa’ taħt il-kodiċi NM 0104 10 30 jew 0204;
	(ec) laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat, li jaqa’ taħt il-kodiċi NM 0203
	(ed) tiġieġ, frisk, imkessaħ jew iffriżat, li jaqa’ taħt il-kodiċi NM 0207.”

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1c) fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	“2a. Meta jkun qed jiffissa l-livell tal-prezzijiet tal-intervent pubbliku għall-prodotti differenti elenkati fl-Artikolu 11, il-Kunsill għandu jibbaża fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, bħall-inflazzjoni, f’konformità mal-objettiv li jiġi ggarantit livell ta’ għajxien

	ekwu għall-popolazzjoni li taħdem fl-agrikoltura, f'konformità mal-Artikolu 39 tat-TFUE."

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1d) L-Artikolu 75 huwa emendat kif ġej:
	(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"1. L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni jistgħu japplikaw għal wieħed jew aktar mis-setturi msemmija fl-Artikolu 1.";
	(b) fil-paragrafu 3, il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"(j) il-post tal-produzzjoni agrikola u tal-oriġini;";

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta'	1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta'

reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:	reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, ***bil-kunsens minn qabel tal-bdiewa jew tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom,*** dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet tal-bdiewa max-xerrejja tul il-katina tal-provvista,	(a) l-istabbiltà***, inkluż permezz ta' kuntratti bejn il-produtturi u x-xerrejja biex l-impatt tal-inċertezzi ekonomiċi jiġi limitat, it-traċċabbiltà*** u t-trasparenza fir-relazzjonijiet tal-bdiewa max-xerrejja tul il-katina tal-provvista,
	(aa) il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet kollettivi tal-bdiewa ġestiti b'mod demokratiku;
	(ab) il-ħlas ta' ammont addizzjonali lill-produttur, b'mod partikolari bil-għan li jiġu ffinanzjati proġetti konġunti;

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prezz meqjus ***ġust*** mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom***, u***	(b) prezz meqjus ***ekwu u remunerattiv*** mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti ***u x-xogħol*** tagħhom ***ukoll abbażi tal-indikazzjonijiet ipprovduti mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE (AFCO);***

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu wieħed jew aktar mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.	(c) inizjattivi kollettivi ***u soċjoekonomiċi*** li jfittxu li jilħqu wieħed jew aktar mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti ***li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-komunitajiet rurali***.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) ***li***	2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2)***, li***

jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:	***hu prodott jew imqiegħed fis-suq uniku, bil-kunsens minn qabel tal-bdiewa jew tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom***, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu ***tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin***:

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta ***jew b'għadd limitat ta' intermedjarji*** bejn il-bidwi***, il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott, jew

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) rabta mill-qrib***,*** u prossimità ġeografika***, mifhuma bħala distanza qasira jew ħin tat-trasport qasir, inkluż f'kuntesti transfruntiera,*** bejn il-bidwi***, il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta ***atti ta' implimentazzjoni biex*** tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.	Il-Kummissjoni tista' tadotta ***atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi*** tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti ***u skemi ċċertifikati tal-kwalità relatati***.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà u l-valur miżjud tal-introduzzjoni ta' tikketta viżiva armonizzata tal-Unjoni fuq il-prodotti b'katina tal-provvista qasira.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) il-konsenja ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn ***produttur għajr bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut*** għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub;	a) il-konsenja ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn ***produtturi li ma humiex koperti mill-paragrafu 1*** għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub;

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) ***l-ewwel xerrejja tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib*** għandhom jagħmlu offerta bil-miktub għal kuntratt għall-konsenja tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ***mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi***.	b) ***l-organizzazzjoni tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-bdiewa*** għandhom jagħmlu offerta bil-miktub għal kuntratt għall-konsenja tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ***għall-ewwel xerrejja***.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' medjazzjoni biex ikopri ***każijiet*** li fihom ma jkun hemm l-ebda	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' medjazzjoni biex ikopri ***l-każijiet*** li fihom ma jkun hemm l-ebda

ftehim reċiproku ***biex jiġi konkluż*** kuntratt imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 jew biex jiġi rivedut tali kuntratt.	ftehim reċiproku ***dwar il-formalizzazzjoni, l-interpretazzjoni jew l-issodisfar ta'*** kuntratt imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 jew biex jiġi rivedut tali kuntratt. ***Dan il-mekkaniżmu għandu jkun volontarju għall-partijiet kontraenti u imparzjali u jista' jinkludi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-bdiewa.***

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ***il-mekkaniżmi*** ta' medjazzjoni ***stabbiliti*** fit-territorju tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ***il-qafas legali għall-mekkaniżmi*** ta' medjazzjoni ***disponibbli*** fit-territorju tagħhom.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) issir bil-miktub, u	(b) issir bil-miktub, ***kemm jekk fuq karta jew f'forma diġitali,*** u

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt i – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-prezz pagabbli għall-konsenja, li għandu:	(i) il-prezz pagabbli għall-konsenja ***b'indikazzjoni espliċita tal-pagamenti kollha, inklużi l-iskontijiet applikabbli***, li għandu:

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt i – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti għandhom ikunu liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor;	– jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi ***oġġettivi, verifikabbli u li ma jistgħux jiġu manipulati*** stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq***, fl-inflazzjoni*** u fl-ispejjeż ***sħaħ*** tal-produzzjoni, ***inkluża r-remunerazzjoni tal-bdiewa, fl-ispejjeż totali għas-servizzi addizzjonali,*** il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri ***jew l-awtoritajiet reġjonali*** jistgħu jiddeterminaw indikaturi ***li għandhom jiġu ppubblikati online għall-użu fil-kuntratti***

	f’konformità ma’ kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel***, jew bl-użu tad-data kkomunikata mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti f’konformità mal-Artikolu 157 jew id-data mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE.*** Il-partijiet għall-kuntratti għandhom ikunu liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor;

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) it-tul ta’ żmien tal-kuntratt, li jista’ jinkludi tul ta’ żmien definit jew indefinit bi klawżola ta’ terminazzjoni. Fil-każ ta’ kuntratt b’tul ta’ żmien ta’ aktar minn 6 xhur***,*** il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi;	(iii) it-tul ta’ żmien tal-kuntratt, li jista’ jinkludi tul ta’ żmien definit jew indefinit bi klawżola ta’ terminazzjoni. Fil-każ ta’ kuntratt b’tul ta’ żmien ***minimu*** ta’ aktar minn 6 xhur il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi ***abbażi ta’ ċirkostanzi mhux imbassra, bħall-avvenimenti ta’ temp estrem, tifqigħat ta’ mard tal-annimali, tensjonijiet ġeopolitiċi jew kwalunkwe raġuni oħra li tipprevjeni li l-prezz miftiehem ikopri l-ispejjeż tal-bdiewa***;

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) id-dettalji rigward il-perjodi u ***l-proċeduri ta' ħlas***;	(iv) id-dettalji rigward il-perjodi ***ta' ħlas, il-proċeduri*** u ***l-mument li fih is-sjieda u r-riskju jiġu trasferiti***;

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom ***effetti*** simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4;	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom ***objettivi*** simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4;

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];	***imħassar***
[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).	

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-konsenja u l-ħlas għall-ħalib jew għall-prodotti tal-ħalib isiru fl-istess ħin;	***imħassar***

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn	(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn

EUR ***10 000***;	EUR ***4 000***;

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE;

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-konsenja u l-ħlas għall-ħalib jew għall-prodotti tal-ħalib isiru fl-istess ħin jew fi żmien ta' mhux aktar minn 5 ijiem;

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta skont il-paragrafu 5, ***il-punti (b), (c) u*** (d), jew il-paragrafu 6, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal	7. Meta skont il-paragrafu 5, ***il-punt*** (d), jew il-paragrafu 6, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx

kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta’ produtturi, jew assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta’ ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta’ kuntratt bil-miktub jew ta’ offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.	meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta’ produtturi, jew assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta’ ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta’ kuntratt bil-miktub jew ta’ offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-elementi kollha tal-kuntratti għall-konsenja ta’ ħalib jew ta’ prodotti tal-ħalib konklużi bejn il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta’ produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi u l-kolletturi, il-proċessuri, id-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut, inklużi l-elementi u l-komponenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (c), għandhom jiġu nnegozjati liberament bejn il-partijiet.	L-elementi kollha tal-kuntratti għall-konsenja ta’ ħalib jew ta’ prodotti tal-ħalib konklużi bejn il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta’ produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi u l-kolletturi, il-proċessuri, id-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut, inklużi l-elementi u l-komponenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (c), għandhom jiġu nnegozjati liberament bejn il-partijiet***, mingħajr preġudizzju tar-rekwiżiti addizzjonali introdotti mill-Istati Membri***.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet imsemmija ***fil-paragrafi 2, 6, 8 u 9*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.	10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet imsemmija ***f'dan l-Artikolu*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 149 – paragrafu 2 – punt c – punti i u ii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2a) Fl-Artikolu 149(2), il-punt (c) huwa emendat kif ġej:
	(a) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(i) il-volum ta' ħalib mhux ipproċessat kopert b'tali negozjati ma jaqbiżx l-***4*** % tat-total tal-produzzjoni tal-Unjoni,	"(i) il-volum ta' ħalib mhux ipproċessat kopert b'tali negozjati ma jaqbiżx l-***10*** % tat-total tal-produzzjoni tal-Unjoni,"
(ii) il-volum ta' ħalib mhux ipproċessat kopert minn tali negozjati li jiġi prodott fi kwalunkwe Stat Membru partikolari ma jaqbiżx it-33 % tal-produzzjoni nazzjonali totali ta' dak l-Istat Membru, u	***(b) jitħassar il-punt (ii).***

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt i
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 152 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) huma magħmula minn produtturi f'settur wieħed jew f'diversi setturi elenkati fl-	(a) huma magħmula minn produtturi f'settur wieħed jew f'diversi setturi elenkati fl-

Artikolu 1(2) ***jew minn produtturi ta' prodotti organiċi f'settur wieħed*** jew ***f'diversi setturi elenkati fl-Artikolu 1(2)***, u huma kkontrollati minn membri bdiewa, f'konformità mal-Artikolu 153(2), il-punt (c);	Artikolu 1(2), u huma kkontrollati minn membri bdiewa, jew***, fil-każ tas-settur tal-frott u l-ħxejjex***, ***produtturi*** f'konformità mal-Artikolu 153(2), il-punt (c);

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 152 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikunu ffurmati fuq inizjattiva tal-bdiewa u jwettqu mill-inqas waħda mill-attivitajiet li ġejjin:;	(b) ikunu ffurmati fuq inizjattiva tal-bdiewa***, jew, fil-każ tas-settur tal-frott u l-ħxejjex, tal-produtturi,*** u jwettqu mill-inqas waħda mill-attivitajiet li ġejjin:;

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 152 – paragrafu 1a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. B'deroga mill-Artikolu 101(1) tat-TFUE, organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew organizzazzjoni ta' produtturi, inkluża kooperattiva, li ma tkunx ġiet rikonoxxuta bħala organizzazzjoni ta' produtturi minn Stat Membru, iżda li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 154, tista' tippjana l-produzzjoni, tottimizza l-ispejjeż	1a. B'deroga mill-Artikolu 101(1) tat-TFUE, organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew organizzazzjoni ta' produtturi, inkluża kooperattiva, ***jew kwalunkwe forma legali ekwivalenti oħra reġistrata f'konformità mal-liġi nazzjonali,*** li ma tkunx ġiet rikonoxxuta bħala organizzazzjoni ta' produtturi minn Stat Membru, iżda li tissodisfa r-rekwiżiti

tal-produzzjoni, tqiegħed fis-suq u tinnegozja kuntratti għall-provvista ta’ prodotti agrikoli, f’isem il-membri tagħha għall-produzzjoni kollha tagħhom jew għal parti minnha.	stabbiliti fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u tal-Artikolu 154, tista’ tippjana l-produzzjoni, tottimizza l-ispejjeż tal-produzzjoni, tqiegħed fis-suq u tinnegozja kuntratti għall-provvista ta’ prodotti agrikoli, f’isem il-membri tagħha għall-produzzjoni kollha tagħhom jew għal parti minnha. ***Organizzazzjoni ta’ produtturi, inkluża kooperattiva, jew kwalunkwe forma legali ekwivalenti oħra reġistrata f’konformità mal-liġi nazzjonali li tkun applikat għar-rikonoxximent iżda li ma tkunx ġiet rikonoxxuta bħala organizzazzjoni ta’ produtturi minn Stat Membru tista’ tibbenefika minn din id-deroga, fi żmien 5 snin mid-data tat-tressiq tat-talba għar-rikonoxximent.***

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 152 – paragrafu 1a – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 1a, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-kondizzjoni stipulata fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu f’każijiet debitament iġġustifikati fejn il-membri produtturi jkollhom żewġ unitajiet distinti ta’ produzzjoni li jkunu jinsabu f’żoni ġeografiċi differenti;	***“Madankollu***, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-kondizzjoni stipulata fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu f’każijiet debitament iġġustifikati fejn il-membri produtturi jkollhom żewġ unitajiet distinti ta’ produzzjoni li jkunu jinsabu f’żoni ġeografiċi differenti ***kif ukoll fil-każijiet previsti fl-Artikolu 153, il-paragrafu 1, il-punt (b)***;”

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 152 – paragrafu 1b – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-paragrafu 1a u mill-ewwel subparagrafu, assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuta skont l-Artikolu 156(1) tista' twettaq ukoll l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1a, l-ewwel subparagrafu, dment li:	B'deroga mill-paragrafu 1a u mill-ewwel subparagrafu, assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuta skont l-Artikolu 156(1) tista' twettaq ukoll l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1a, l-ewwel subparagrafu, ***bl-eċċezzjoni tas-settur tal-frott u l-ħxejjex sakemm dan ma jintalabx espressament minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi,*** dment li:

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 152 – paragrafu 1b – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-volum ta' prodotti koperti mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1a, l-ewwel subparagrafu ma jkunx aktar minn 33 % tal-produzzjoni nazzjonali totali ta' kwalunkwe Stat Membru partikolari.	(d) il-volum ta' prodotti koperti mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1a, l-ewwel subparagrafu ma jkunx aktar minn 33 % tal-produzzjoni nazzjonali totali ta' kwalunkwe Stat Membru partikolari ***jew 5 % tal-produzzjoni tal-UE kollha kemm hi***.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 1– punt b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(b) ikunu membri biss ta' organizzazzjoni tal-produtturi waħda għal kwalunkwe prodott partikolari tal-impriża, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din il-kundizzjoni ***f'każi ġġustifikati*** kif dovut fejn ***il-bdiewa*** jkollhom żewġ unitajiet distinti ta' produzzjoni li jkunu jinsabu f'żoni ġeografiċi differenti;	"(b) ikunu membri biss ta' organizzazzjoni tal-produtturi waħda għal kwalunkwe prodott partikolari tal-impriża, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din il-kundizzjoni ***f'każijiet iġġustifikati*** kif dovut fejn ***il-membri produtturi*** jkollhom żewġ unitajiet distinti ta' produzzjoni li jkunu jinsabu f'żoni ġeografiċi differenti ***jew fejn il-membri produtturi jafdaw f'idejn organizzazzjonijiet tal-produtturi separati t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tagħhom, għajr il-prodotti elenkati fl-Anness I, il-Partijiet IX u X, maħsuba għal użijiet differenti u fejn għalhekk dawn l-organizzazzjonijiet ma jikkompetux ma' xulxin***;"

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt -aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-aa) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ca) jastjenu minn kwalunkwe kuntatt dirett max-xerrejja meta dawn il-proċessi individwali jikkompromettu l-

objettivi kollettivi segwiti mill-organizzazzjoni tal-produtturi, b'mod partikolari f'termini ta' ppjanar, negozjar jew it-tqegħid fis-suq. Kwalunkwe prattika ta' xerrej li jkollha l-għan jew l-effett li tiċċirkonventa organizzazzjoni tal-produtturi billi direttament tavviċina wieħed jew aktar mill-membri tagħha, fejn ix-xerrej diġà jkun involut f'negozjati jew kuntratt ma' dik l-organizzazzjoni tal-produtturi, għandha tkun ipprojbita u għandha titqies bħala prattika kummerċjali inġusta."

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. L-istatuti ta' organizzazzjoni ***ta' produtturi*** jistgħu jipprevedu l-possibbiltà li l-membri jkunu f'kuntatt dirett max-xerrejja, dment li tali kuntatt dirett ma jipperikolax l-objettivi li trid tilħaq l-organizzazzjoni ta' produtturi, jew il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid ta' prodotti fis-suq mill-organizzazzjoni ta' produtturi. Il-konċentrazzjoni tal-provvista ***għandha titqies*** li ***tkun ġiet żgurata*** jekk l-elementi essenzjali tal-bejgħ bħall-prezz, il-kwalità u l-volum jiġu nnegozjati u ddeterminati mill-organizzazzjoni ta' produtturi.	2a. L-istatuti ta' organizzazzjoni ***ta' produtturi għandhom jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-provvista, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-organizzazzjoni tal-produtturi tinnegozja u tiddetermina l-elementi essenzjali tal-bejgħ bħall-prezz, il-kwalità u l-volum. L-istatuti*** jistgħu jipprevedu l-possibbiltà li l-membri jkunu f'kuntatt dirett max-xerrejja, dment li tali kuntatt dirett ma jipperikolax l-objettivi li trid tilħaq l-organizzazzjoni ta' produtturi, jew il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid ta' prodotti fis-suq mill-organizzazzjoni ta' produtturi. Il-

	konċentrazzjoni tal-provvista ***u tqegħid tal-prodotti fis-suq għandhom jitqiesu*** li ***jkunu ġew żgurati*** jekk l-elementi essenzjali tal-bejgħ bħall-prezz, il-kwalità u l-volum jiġu nnegozjati u ddeterminati mill-organizzazzjoni ta' produtturi. ***L-istatuti ta' organizzazzjoni ta' produtturi li jippermettu kuntatt dirett bejn il-membru u x-xerrejja jistgħu jinkludu mekkaniżmi ta' kontroll intern u prevenzjoni biex jiżguraw li tali kuntratt ma jaffettwax b'mod negattiv il-konċentrazzjoni tal-provvista jew l-istrateġija kummerċjali tal-organizzazzjoni.***

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 153 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-setturi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib."	

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-konsenja ta’ prodotti agrikoli minn ***produttur għajr bidwi, organizzazzjoni ta’*** produtturi ***jew assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut*** għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub,	(a) il-konsenja ta’ prodotti agrikoli minn produtturi ***li ma humiex koperti mill-paragrafu 1*** għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub,

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-ewwel xerrej tal-prodott agrikolu għandu jagħmel*** offerta bil-miktub għal kuntratt għall-konsenja ta’ prodotti agrikoli ***mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi***.	(b) ***l-organizzazzjoni tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-bdiewa għandhom jagħmlu*** offerta bil-miktub għal kuntratt għall-konsenja ta’ prodotti agrikoli ***lill-ewwel xerrejja***.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta’ medjazzjoni biex ikopri każijiet li fihom ma jkun hemm l-ebda ftehim ***biex jiġi konklużż tali*** kuntratt imsemmi fil-paragrafi 1 u	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta’ medjazzjoni biex ikopri każijiet li fihom ma jkun hemm l-ebda ftehim ***reċiproku dwar il-formalizzazzjoni, l-***

2 jew ***biex jiġi rivedut tali kuntratt***.	***interpretazzjoni u l-issodisfar ta'*** kuntratt imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 jew ***dwar tali kuntratt. Dak il-mekkaniżmu għandu jkun volontarju għall-partijiet kontraenti u imparzjali. Dak il-mekkaniżmu jista' jinvolvi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-bdiewa.***

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni ***stabbiliti*** fit-territorju tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ***il-qafas legali tal-medjazzjoni jew*** il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni ***disponibbli*** fit-territorju tagħhom.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) issir bil-miktub, u	(b) issir bil-miktub, ***kemm jekk fuq karta jew f'forma diġitali,*** u

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 4 – punt c – punt i – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-prezz pagabbli għall-konsenja, li għandu:	(i) il-prezz pagabbli għall-konsenja ***b'indikazzjoni espliċita tal-pagamenti kollha, inklużi l-iskontijiet applikabbli***, li għandu:

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 4 – punt c – punt i – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma ***f*** u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq ***u*** fl-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-prodotti ***tal-ħalib*** ikkonsenjati; għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti għandhom ikunu liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.	– jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi ***oġġettivi, verifikabbli u li ma jistgħux jiġu mmanipulatti*** stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma ***faċilment aċċessibbli u komprensibbli*** u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq***, fl-inflazzjoni,*** fl-ispejjeż ***sħaħ*** tal-produzzjoni, ***inkluża r-remunerazzjoni tal-bdiewa, fl-ispejjeż totali għas-servizzi addizzjonali,*** il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-prodotti ***agrikoli*** ikkonsenjati; għal dak il-għan, l-Istati Membri ***jew l-awtoritajiet reġjonali*** jistgħu jiddeterminaw indikaturi, ***li għandhom jiġu ppubblikati online għall-użu fil-kuntratti,*** f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel***, id-data pprovduta mill-organizzazzjonijiet***

	interprofessjonali rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 157(1), u d-data mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE. Il-partijiet għall-kuntratti għandhom ikunu liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 4 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew tul ta' żmien indefinit bi klawżoli ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratti b'tul ta' żmien minimu ta' aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi ***wkoll*** klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata***, b'mod partikolari,*** mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;	(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew tul ta' żmien indefinit bi klawżoli ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratti b'tul ta' żmien minimu ta' aktar minn 6 xhur ***u 12-il xahar għas-setturi li jinnegozjaw fis-swieq tal-futuri***, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi***, abbażi ta' ċirkostanzi mhux imbassra, bħall-avvenimenti ta' temp estrem, tifqigħat ta' mard tal-annimali, tensjonijiet ġeopolitiċi, jew kwalunkwe raġuni oħra li tipprevjeni li l-prezz miftiehem ikopri l-ispejjeż tal-bdiewa***;

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 4 – punt c – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) id-dettalji rigward il-perjodi u ***l-proċeduri ta' pagament***,	(iv) id-dettalji rigward il-perjodi ***ta' pagament, il-proċeduri*** u ***l-mument li fih is-sjieda u r-riskju jiġu ttrasferiti***,

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-prodotti agrikoli kkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew minn kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom ***effetti*** simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punti (a), (b) u (c);	(a) Il-prodotti agrikoli kkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew minn kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom ***objettivi*** simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punti (a), (b) u (c);

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-prodotti agrikoli kkonċernati	***imħassar***

huwa intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE;	

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-konsenja u l-ħlas tal-prodotti agrikoli kkonċernati jsiru fl-istess ħin;	***imħassar***

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs ***ċertu limitu***, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, ***u*** li ma għandux ikun aktar minn EUR ***10 000***;	(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs ***il-limitu***, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun ***ta'*** aktar minn EUR ***4 000***;

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 6 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-ewwel xerrej tal-prodotti agrikoli kkonċernati huwa intrapriża mikro jew ta'

daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE;

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 6 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-konsenja u l-ħlas tal-prodotti agrikoli kkonċernati jsiru fl-istess ħin jew fi żmien mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol;

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri jistgħu, fuq talba ta' organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta skont l-Artikolu 157(1) jew ta' organizzazzjoni meqjusa b'mod ġenerali bħala rappreżentattiva ta' settur agrikolu, jiddeċiedu li jeżentaw ċerti setturi speċifiċi mir-rekwiżit ta' kuntratt bil-miktub kif msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tas-settur tal-ħalib. Din l-eżenzjoni għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta skont il-paragrafu 5, ***il-punti (b), (c) u*** (d), jew ***il-paragrafu*** 6, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, tista' tirrikjedi li kwalunkwe konsenja ta' prodotti agrikoli lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.	7. Meta skont il-paragrafu 5, ***il-punt*** (d), jew ***il-paragrafi*** 6 ***u 6a***, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, tista' tirrikjedi li kwalunkwe konsenja ta' prodotti agrikoli lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-elementi kollha tal-kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli konklużi bejn il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u l-proċessuri, id-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut inklużi dawk l-elementi u l-komponenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu	L-elementi kollha tal-kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli konklużi bejn il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u l-proċessuri, id-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut inklużi dawk l-elementi u l-komponenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu

4, il-punt (c), għandhom jiġu nnegozjati liberament bejn il-partijiet.	4, il-punt (c), għandhom jiġu nnegozjati liberament bejn il-partijiet***, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti addizzjonali introdotti mill-Istati Membri***.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li x-xerrej ta' prodotti agrikoli jirreġistra l-kuntratti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 qabel il-konsenja tal-prodotti agrikoli kkonċernati mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut fit-territorju tagħhom.	9. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu***, fejn ikun iġġustifikat,*** li x-xerrej ta' prodotti agrikoli jirreġistra l-kuntratti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 qabel il-konsenja tal-prodotti agrikoli kkonċernati mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut fit-territorju tagħhom***, ħlief għall-prodotti staġjonali u li jitħassru***.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 168 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet imsemmija ***fil-paragrafi 2, 6, 8 u 9*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.	10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet imsemmija ***f'dan l-Artikolu*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 172b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) l-Artikolu 172b huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 172b	***"Artikolu*** 172b
Gwida tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali għall-bejgħ tal-għeneb għall-inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta	***Gwida tal-prezzijiet*** tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali ***u tal-gruppi tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143*** għall-bejgħ tal-għeneb***, il-most u l-inbejjed bl-ingrossa*** għall-inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta
B'deroga mill-Artikolu 101(1) TFUE, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament li joperaw fis-settur tal-inbid jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida mhux obbligatorji tal-prezzijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-għeneb għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm tali gwida ma teliminax il-kompetizzjoni fir-rigward ta' ***proporzjon*** sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.	B'deroga mill-Artikolu 101(1) TFUE, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikolu 157 ta' dan ir-Regolament ***u l-gruppi tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 2024/1143*** li joperaw fis-settur tal-inbid jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida mhux obbligatorji tal-prezzijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-għeneb***, il-most u l-inbejjed bl-ingrossa li jintużaw*** għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm tali gwida ma teliminax il-kompetizzjoni fir-rigward ta' ***parti*** sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 188 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Fl-Artikolu 188, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	“3a. L-ikel u l-għalf li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali jistgħu jiġu importati mingħand pajjiżi terzi biss jekk dawn jikkonformaw mal-obbligi relatati mal-livelli massimi ta’ residwi tal-pestiċidi fl-ikel u l-għalf prodotti fl-Unjoni.”

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 189 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6c) fl-Artikolu 189, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu importati fl-Unjoni, biss jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:	“1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu importati fl-Unjoni, biss jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:
(a) qanneb veru, mhux maħdum, tal-Kodiċi NM 5302 10 00 li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti ***fl-Artikolu 32(6) u fl-Artikolu 35(3) tar-Regolament*** (UE) ***Nru 1307/2013***	(a) qanneb veru, mhux maħdum, tal-Kodiċi NM 5302 10 00 li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti ***fir-Regolament*** (UE) ***2021/2115;***
(b) żrieragħ ta’ varjetajiet tal-qanneb, tal-Kodiċi NM ex 1207 99 20 għaż-żriegħ akkumpanjat bi prova li l-livell ta’ tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata mhuwiex ogħla minn	(b) żrieragħ ta’ varjetajiet tal-qanneb, tal-Kodiċi NM ex 1207 99 20 għaż-żriegħ akkumpanjat bi prova li l-livell ta’ tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata mhuwiex ogħla minn

dak iffissat skont ***l-Artikolu 32(6) u fl-Artikolu 35(3) tar-Regolament*** (UE) Nru ***1307/2013***;	dak iffissat skont ***ir-Regolament*** (UE) Nru ***2021/2115***;
(c) żrieragħ tal-qanneb li mhumiex għaż-żriegħ, li jaqgħtu taħt il-kodiċi NM 1207 99 91 u importati biss minn importaturi awtorizzati mill-Istat Membru biex jiġi żgurat li dawn iż-żrieragħ ma jkunux maħsubin għaż-żriegħ***.***	(c) żrieragħ tal-qanneb li mhumiex għaż-żriegħ, li jaqgħtu taħt il-kodiċi NM 1207 99 91 u importati biss minn importaturi awtorizzati mill-Istat Membru biex jiġi żgurat li dawn iż-żrieragħ ma jkunux maħsubin għaż-żriegħ***;***
	(ca) il-qċaċet bil-fjuri tal-qanneb akkumpanjati minn prova li l-livell ta' tetraidrokannabinol tal-varjetà kkonċernata ma jaqbiżx il-livell stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2021/2115 u importat biss minn importaturi awtorizzati mill-Istat Membru."

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jingħata appoġġ għall-vijabbiltà ekonomika ta' azjendi agrikoli żgħar ***li fil-bidċa l-kbira jibbażaw fuq ix-xogħol*** tal-familja b'output standard kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009[11] li ma għandux ikun aktar minn EUR 100 000;	(d) jingħata appoġġ għall-vijabbiltà ekonomika ta' azjendi agrikoli żgħar ***u*** tal-familja b'output standard kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (8)***,*** tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009[11] li ma għandux ikun aktar minn EUR 100 000;
[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (ĠU L 328 15.12.2009, p. 27, ELI:	[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (ĠU L 328 15.12.2009, p. 27, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1217/oj).	http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1217/oj).

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) tiġi promossa l-produzzjoni agrikola lokali;

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 3 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) jiġi ġestit b'mod konġunt l-iskart relatat direttament mal-produzzjoni agrikola u jsir użu aħjar tal-effluwenti tal-bhejjem u l-produzzjoni tal-enerġija;

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) jiġi ggarantit introjtu stabbli u ekwu li jkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni u pożizzjoni b'saħħitha tul il-katina kollha tal-valur għall-bdiewa;

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 3 – punt fd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fd) jiġu applikati investimenti għall-użu tar-riżorsi tal-ilma.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 3 – punt fe (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fe) isir kontribut għad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet li jippromwovu l-ekonomija rurali, għall-iżvilupp u l-attraenza taż-żoni rurali;

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 3 – punt ff (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ff) jiġi promoss il-wirt kulturali u gastronomiku sabiex titrawwem l-edukazzjoni dwar temi marbuta mad-dieti bbilanċjati;

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 3 – punt fg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fg) jiġu ppreservati l-prattiki tradizzjonali tal-produzzjoni, is-sigurtà tal-ikel u s-sovranità tal-ikel;

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210a – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [dħul fis-seħħ +sentejn], il-produtturi kif imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitolbu opinjoni mill-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-ftehimiet, tad-deċiżjonijiet u tal-prattiki miftiehma kif imsemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' standards ta' sostenibbiltà li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal objettiv wieħed jew aktar stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punti (d), (e) ***u*** (f), ma' dan l-Artikolu.	Minn [dħul fis-seħħ +sentejn], il-produtturi kif imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitolbu opinjoni mill-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-ftehimiet, tad-deċiżjonijiet u tal-prattiki miftiehma kif imsemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' standards ta' sostenibbiltà li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal objettiv wieħed jew aktar stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punti (d) ***sa*** (***fd***), ma' dan l-Artikolu.

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 210b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“L-Artikolu 210b

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntratti ta’ provvista mogħtija skont proċeduri ta’ akkwist pubbliku jinkisbu minn prodotti agrikoli u tal-ikel li joriġinaw fl-Unjoni, b’mod partikolari bi prodotti lokali u staġjonali, bl-għan li jittejbu l-kwalità, is-sostenibbiltà u s-sikurezza tal-ikel tal-prodotti agrikoli Ewropej.

Il-prodotti li jibbenefikaw minn indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti għandhom jingħataw prijorità fl-implimentazzjoni ta’ dawn l-azzjonijiet.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu, filwaqt li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-Unjoni.”

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 219 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) fl-Artikolu 219, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	“3a. Meta l-prezz tas-suq jaqa’ taħt ċertu limitu flessibbli li huwa indiċjat mal-ispejjeż ta’ produzzjoni medji, u stabbilit mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE (AFCO),

il-Kummissjoni għandha timplimenta, skont is-sitwazzjoni fis-suq u s-settur inkwistjoni, miżuri ta' appoġġ għall-produtturi fis-settur ikkonċernat, li, fuq perjodu speċifikat, inaqqsu volontarjament il-konsenji tagħhom meta mqabbla mal-istess perjodu fis-sena ta' qabel, filwaqt li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-appoġġ għandu jingħata fuq il-bażi ta' applikazzjonijiet sottomessi mill-produtturi fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti, bl-użu tal-metodu stabbilit mill-Istat Membru inkwistjoni;

(b) sabiex jiġi żgurat li din is-sistema tiġi implimentata b'mod effettiv u kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, abbażi tad-data pprovduta mill-AFCO:

(i) il-volum jew il-kwantità massima totali ta' konsenji li għandha titnaqqas fil-livell tal-Unjoni fil-qafas tal-iskema ta' tnaqqis;

(ii) it-tul tal-perjodu ta' tnaqqis u, jekk ikun hemm bżonn, l-estensjoni tagħha;

(iii) l-ammont ta' appoġġ, ibbażat fuq il-volum jew il-kwantità tat-tnaqqis u l-arranġamenti għall-finanzjament tiegħu;

(iv) il-kriterji ta' eliġibbiltà applikabbli għall-applikanti u l-applikazzjonijiet;

(v) il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tas-sistema.

Kwalunkwe produttur li jikkonsenja volum akbar mill-

	volum li jkun ikkonsenja matul il-perjodu ta' referenza għandu jħallas imposta tar-responsabbiltà tas-suq proporzjonata mas-surplus tal-produzzjoni tiegħu matul il-programm ta' tnaqqis volontarju."

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-irtirar mis-suq jew it-tqassim b'xejn tal-prodotti tagħhom;	(a) l-irtirar mis-suq jew it-tqassim b'xejn tal-prodotti tagħhom ***inkluż lil korpi karitattivi***;

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) id-dekummissjonar ta' prodotti agrikoli organiċi żejda għas-swieq konvenzjonali;

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni***;***	(g) l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni filwaqt li titqies in-natura speċifika taċ-ċiklu tal-produzzjoni***, b'mod partikolari tal-prodotti li jitħassru.***

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, hija tista' tiddeċiedi li tagħmel l-appoġġ tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/2116 disponibbli għall-Istati Membri kkonċernati. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati.	Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, hija tista' tiddeċiedi li tagħmel l-appoġġ tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/2116 disponibbli għall-Istati Membri kkonċernati***, bil-possibbiltà li dak l-appoġġ jiġi mmobilizzat b'mod immedjat fil-każ ta' kriżi, dment li l-ewwel tkun ivvalutat il-fattibbiltà ta' tali appoġġ***. Tali appoġġ finanzjarju għandu jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet mill-operaturi kkonċernati. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-użu tal-fondi biex jiġu appoġġati l-azzjonijiet fl-ambitu ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni ma jikkompromettix il-pagamenti diretti. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli finanzjament ieħor tal-Unjoni biex tappoġġa l-azzjonijiet***

skont dan is-subparagrafu.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222a – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(8a) fl-Artikolu 222a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi għal liema setturi agrikoli minn dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) għandhom jiġu stabbiliti l-osservatorji tas-suq tal-Unjoni.	"2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi għal liema setturi agrikoli minn dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) għandhom jiġu stabbiliti l-osservatorji tas-suq tal-Unjoni. ***Din tista' wkoll tiddeċiedi li tagħmel distinzjoni bejn il-produzzjonijiet skont jekk ikunux organiċi jew le."***

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 222ba
	Pjanijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' tfixkil fis-suq
	1. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PAK imħabbra fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-objettiv ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq, il-Kummissjoni

għandha tistabbilixxi pjanijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni għat-tfixkil fis-suq li jiddefinixxu l-istrateġija ta' intervent tagħha għal kull prodott agrikolu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni tibbaża l-istrateġija ta' intervent tagħha fuq il-kompiti tal-osservatorji tas-swieq agrikoli tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 222a.

3. Fil-każ ta' tfixkil fis-suq, il-Kummissjoni għandha timmobilizza b'mod f'waqtu u effiċjenti l-miżuri eċċezzjonali previsti fil-Parti V, il-Kapitolu I, meta applikabbli flimkien mal-miżuri ta' intervent fis-suq previsti fl-Parti II, it-Titolu I bl-għan li jerġa' jkun hemm bilanċ fis-suq ikkonċernat filwaqt li tipprovdi l-aktar rispons xieraq għal kull settur affettwat.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas tal-prestazzjoni li jippermetti l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' tfixkil fis-suq waqt l-implimentazzjoni tagħhom u tistabbilixxi rapporti dwarhom.

5. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni tat-tfixkil fis-suq u t-titjib fl-istrateġija ta' intervent tagħha. Ir-rapport annwali għandu jiġi ppreżentat kull sena lill-Parlament Ewropew u

	lill-Kunsill u għandu jkollu l-għan li jevalwa l-prestazzjoni tal-pjan fir-rigward tal-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, u l-koerenza tal-għodod previsti f'dan ir-Regolament, u jevalwa l-użu mill-Kummissjoni tal-prerogattivi tiegħu, u l-baġit, fir-rigward tal-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tat-tfixkil fis-suq.";

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness I – parti XIIa (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Fl-Anness I, tiddaħħal il-parti li ġejja:
	"Parti XIIa
	Ħall
	Is-settur tal-ħall jinkludi l-prodotti għajr il-ħall tal-inbid elenkati fit-tabella li ġejja:
	Kodiċi NM
	2209 00 91 u 2209 00 99
	Deskrizzjoni
	Il-ħall tal-frott, inkluż il-ħall tal-kiwi, jew il-ħall tal-inbid tal-frott, il-ħall tal-bakek jew il-ħall tal-inbid tal-bakek, il-ħall tas-sidru tat-tuffieħ, il-ħall tal-ispirtu, il-ħall tal-qamħ, il-ħall tal-malt, il-ħall tal-malt distillat, il-ħall tal-għasel, il-ħall aromatizzat";

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness II – Parti IIIa (ġdida)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(8d) Fl-Anness II, tiżdied il-parti li ġejja:
	“Parti IIIa
	Definizzjonijiet rigward is-settur tal-qanneb
	“Qanneb” tfisser il-pjanta Cannabis sativa L., tal-varjetajiet elenkati fil-Katalgu Komuni tal-Varjetajiet ta’ Speċijiet ta’ Pjanti Agrikoli mkabbra għaż-żieragħ, għall-fjuri, għall-fibri, għall-iskald u għall-għeruq tagħha.”

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8e (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness II – parti IVa (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8e) Fl-Anness II, tiddaħħal il-parti li ġejja:
	“Parti IVa
	Definizzjoni rigward is-settur tal-ħall
	1. L-isem “ħall” għandu jintuża biss għal prodott miksub esklużivament mill-proċess bijoloġiku ta’ fermentazzjoni doppja, alkoħolika u aċetuża, minn likwidi jew minn sustanzi oħra ta’ oriġini agrikola. Għandu dejjem jiġi segwit bl-indikazzjoni tal-materja prima użata. Bl-eċċezzjoni ta’ referenzi għal ingredjenti bi

proprjetajiet aromatizzanti, l-indikazzjonijiet addizzjonali kollha huma pprojbiti.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' din il-Parti, l-isem "ħall" jista' jkun parti minn denominazzjoni ta' oriġini protetta rreġistrata jew minn indikazzjoni ġeografika protetta bi protezzjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/1143, f'liema każ għandu jintuża f'konformità mar-regoli speċifiċi pprovduti mill-ispeċifikazzjonijiet u mir-regolamenti rilevanti tal-prodott.

3. L-isem "ħall" ma għandux jintuża għal taħlitiet ta' ħall u ta' grad ta' ikel ta' aċidu aċetiku.

4. Il-kontenut tal-aċidu aċetiku tal-ħall, espress bħala l-aċidità totali tiegħu fi g/100 ml, għandu jingħata fuq it-tikketta bħala "... % ta' aċidità".";

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8f (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness VIII – parti IIa (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(8f) Fl-Anness VIII, tiżdied il-parti li ġejja:
	"Parti IIa
	"Laħam, prodotti tal-laħam u preparati tal-laħam
	1. Għall-finijiet ta' din il-parti, it-terminu "laħam" ifisser il-partijiet tal-annimali li jistgħu jittieklu kif imsemmi

fil-punti 1.2 sa 1.8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, inkluż id-demm. It-termini u d-denominazzjonijiet relatati mal-laħam li jaqgħu taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 u li attwalment jintużaw għal-laħam u għal qatgħat tal-laħam għandhom jiġu riżervati esklużivament għall-partijiet tal-annimali li jistgħu jittieklu.

2. "Preparati tal-laħam" tfisser laħam frisk, inkluż laħam imqatta' biċċiet żgħar, li miegħu jiżdiedu oġġetti tal-ikel, ħwawar, jew additttivi jew li jkunu sarulu proċessi li ma jbiddlux biżżejjed l-istruttura interna tal-fibri tal-muskoli tal-laħam biex jiġu eliminati l-karatteristiċi ta' laħam frisk.

3. "Prodotti tal-laħam" tfisser prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' laħam jew mill-ipproċessar ulterjuri ta' prodotti pproċessati bħal dawn, sabiex il-wiċċ maqtugħ ma jkunx juri aktar il-karatteristiċi ta' laħam frisk. Id-denominazzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 u li attwalment jintużaw għall-prodotti tal-laħam u għall-preparati tal-laħam għandhom jiġu riżervati esklużivament għall-prodotti li fihom il-laħam.

Dawn id-denominazzjonijiet jinkludu pereżempju:

- Stejk

- Skaloppina

- Zalzett

- Burger

- Hamburger

- Isfar tal-bajda

- Abjad tal-bajda.

4. Il-prodotti u l-qatgħat tal-pollam definiti fir-Regolament (UE) Nru 543/2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur għandhom jiġu riżervati esklużivament għall-partijiet tal-annimali li jistgħu jittieklu u għall-prodotti li fihom laħam tal-pollam.

5. Id-denominazzjonijiet imsemmija hawn fuq ma jistgħux jintużaw għal xi prodott ieħor għajr il-prodotti msemmija hawn u għandhom jeskludu l-prodotti derivati mill-kultivazzjoni taċ-ċelluli."

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt I – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tul ta' żmien tal-kuntratti ta' konsenja jista' jkun pluriennali. ***Fil-każ ta' kuntratti b'tul ta' żmien minimu ta' aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta'***	2. It-tul ta' żmien tal-kuntratti ta' konsenja jista' jkun pluriennali.

produtturi.

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt II – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq ***u*** fl-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni ***tal-pitravi taz-zokkor*** ikkonsenjati***.*** Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti ***huma*** liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.	Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi ***oġġettivi, verifikabbli, li ma jistgħux jiġu mmanipulatti*** stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq***, fl-inflazzjoni,*** fl-ispejjeż ***sħaħ*** tal-produzzjoni, ***inklużа r-remunerazzjoni tal-bdiewa, fl-ispejjeż totali għas-servizzi addizzjonali,*** il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni ***tal-prodotti agrikoli*** ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri ***jew l-awtoritajiet reġjonali*** jistgħu jiddeterminaw indikaturi, ***li għandhom jiġu ppubblikati online għall-użu fil-kuntratti,*** f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel***, id-data pprovduta mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 157(1), u d-data mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE***. Il-partijiet għall-kuntratti ***għandhom ikunu*** liberi li

	jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) Nru 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 5a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-limitu ta’ 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal ***60*** % għan-nefqa marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, il-punti (a), (b) jew (c), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	5a. Il-limitu ta’ 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal ***70*** % għan-nefqa marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, il-punti (a), (b) jew (c), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) Nru 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 5a – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-investimenti msemmija fil-punt (a) isiru fl-azjenda ta’ dawn il-bdiewa żgħażagħ jew bdiewa ġodda bħala parti mill-ewwel programm operazzjonali tagħhom.	(b) l-investimenti msemmija fil-punt (a) isiru fl-azjenda ta’ dawn il-bdiewa żgħażagħ jew bdiewa ġodda ***jew fil-każ tas-settur t-frott u l-ħxejjex, tal-produtturi, li jingħaqdu ma’ organizzazzjoni ta’ produtturi rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-ewwel darba,*** bħala parti mill-ewwel programm operazzjonali tagħhom ***u matul is-7 snin wara d-data li fiha l-bdiewa żgħażagħ jew il-bdiewa ġodda jkunu ngħaqdu mal-organizzazzjoni tal-produtturi***.

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	“7a. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 7 ta’ dan l-Artikolu jistgħu jiġu estiżi għall-prodotti kollha koperti mill-Artikoli 42 sa 68.”

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 2021/2115
Artikolu 88 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f’konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta’ intervent f’setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7.	Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f’konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta’ intervent f’setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7***, dment li tali deċiżjoni ma taffettwax b’mod negattiv il-livell ta’ appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà***.

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2024/1143
Artikolu 37 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1143
	Fl-Artikolu 37, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
5. Meta l-prodotti agrikoli jiġu identifikati b'indikazzjoni ġeografika, indikazzjoni tal-isem tal-produttur jew tal-operatur għandha tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika. F'dak il-każ, l-isem tal-operatur għandu jinftiehem bħala l-isem tal-operatur responsabbli għall-istadju tal-produzzjoni li fih jinkiseb il-prodott li għandu jkun kopert mill-indikazzjoni ġeografika, jew responsabbli għat-twettiq ta' pproċessar sostanzjali ta' dak il-prodott.	"5. Meta l-prodotti agrikoli jiġu identifikati b'indikazzjoni ġeografika, indikazzjoni tal-isem tal-produttur jew tal-operatur għandha tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika. F'dak il-każ, l-isem tal-operatur għandu jinftiehem bħala l-isem tal-operatur responsabbli għall-istadju tal-produzzjoni li fih jinkiseb il-prodott li għandu jkun kopert mill-indikazzjoni ġeografika, jew responsabbli għat-twettiq ta' pproċessar sostanzjali ta' dak il-prodott.
Fil-każ ta' xorb spirituż identifikat minn indikazzjoni ġeografika, indikazzjoni tal-isem tal-produttur għandha tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika.	
Meta l-imballaġġ jew il-kontenituri jkollhom bħala l-akbar wiċċ tagħhom dak deskritt fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, l-indikazzjoni tal-isem tal-produttur jew tal-operatur għandha tkun volontarja.	Meta l-imballaġġ jew il-kontenituri jkollhom bħala l-akbar wiċċ tagħhom dak deskritt fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, l-indikazzjoni tal-isem tal-produttur jew tal-operatur għandha tkun volontarja.
Il-prodotti agrikoli ***u x-xorb spirituż*** li huma kkummerċjalizzati b'indikazzjoni ġeografika, li ġew ittikkettati	Il-prodotti agrikoli li huma kkummerċjalizzati b'indikazzjoni ġeografika, li ġew ittikkettati qabel l-14 ta' Mejju 2026, jistgħu

qabel l-14 ta’ Mejju 2026, jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq mingħajr ma jikkonformaw mal-obbligu li jindikaw l-isem tal-produttur jew tal-operatur fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika, sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

jibqgħu jiġu introdotti fis-suq mingħajr ma jikkonformaw mal-obbligu li jindikaw l-isem tal-produttur jew tal-operatur fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika, sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.”